Wied il-Għajn	*½ undivided share of the tenement including its airspace No. 147 'Girasol', Triq Tal-Gardiel;*			
Wied il-Għajn	Il-fond Nru. 2, Blokk 'A', 'Topaz Court', Triq l-Iskal,	Glen Bonnici	406992M	LRA264/2020
Wied il-Għajn	*The tenement No. 2, Block 'A', 'Topaz Court', Triq l-Iskal,*			
Ħaż-Żabbar	7/48 sehem indiviż tal-fond 'Ta' Żonqor' tal-kejl ta' 55,739 m.k.;	Clarissa Formosa Gauci et	863650M	LRA173/2020
Ħaż-Żabbar	*7/48 undivided share of the tenement 'Ta' Żonqor' covering an area of 55,739 s.m.;*			
Ħaż-Żabbar	7/48 sehem indiviż tal-fond 'Ta' Żonqor' tal-kejl ta' 25,053 m.k.;	Clarissa Formosa Gauci et	863650M	LRA174/2020
Ħaż-Żabbar	*7/48 undivided share of the tenement 'Ta' Żonqor' covering an area of 25,053 s.m.;*			
Ħaż-Żabbar	7/48 sehem indiviż tal-fond 'Ta' Żonqor' tal-kejl ta' 25,053 m.k. u inkluż ir-razzett;	Clarissa Formosa Gauci et	863650M	LRA207/2020
Ħaż-Żabbar	*7/48 undivided share of the tenement 'Ta' Żonqor' covering an area of 25,053 s.m. including the farmhouse;*			

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ħaż-Żabbar	Il-fond 'Fabbrika tat-Tjur' Triq Santu Rokku,	Gvern ta' Malta		LRA298/2020
Ħaż-Żabbar	*The tenement 'Fabbrika tat-Tjur' Triq Santu Rokku,*			
Ħaż-Żabbar	Garaxx Nru. 2, Triq il-Werżieq;	Gvern ta' Malta		LRA313/2020
Ħaż-Żabbar	*Garage No. 2, Triq il-Werżieq;*			
Ħaż-Żebbuġ	Il-fond Nru. 66, Triq Serafin Tanti;	Joseph Micallef Cherubina Micallef	639950M 346660M	LRA58/2020
Ħaż-Żebbuġ	*The tenement No. 66, Triq Serafin Tanti;*			
Ħaż-Żebbuġ	Il-fond Nru. 64, Triq Serafin Tanti, inkluż il-parapett antepost għalih mingħajr l-arja tiegħu;	Emanuel Azzopardi Josette Azzopardi	57563M 209271M	LRA111/2020
Ħaż-Żebbuġ	*The tenement No. 64, Triq Serafin Tanti, including the front garden without its airspace;*			
Iż-Żejtun	Korrezzjoni ta' titolu numru 10001078. B'dan qed navża li rċevejt mingħand l-Awtorità tal-Artijiet applikazzjoni LRA307/2020, korrezzjoni tal-pjanta rilevanti;	Gvern ta' Malta		LRA307/2020
Żejtun	*Correction of title number 10001078. I am hereby giving notice that I have received from the Lands Authority application LRA307/2020, correction of the relevant plan;*			
Iż-Żurrieq	Id-dirett dominju temporanju tal-fond Nru. 13, 'Ta' Mananni', Triq San Leone, inkluż 2 tumoli ta' art adjaċenti;	Luxfair Development Limited	C91776	LRA199/2020
Żurrieq	*The temporary direct dominium of the tenement No. 13, 'Ta' Mananni' Triq San Leone, including 2 adjacent tumoli of land;*			

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-sajf).

Dr Claude Sapiano, LLD
Aġent Reġistratur tal-Artijiet

It-18 ta' Frar, 2020

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (Winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Claude Sapiano, LLD
Acting Land Registrar

18th February, 2020

Nru. 187

ATT DWAR IL-CONDOMINIA
(KAP. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija condominia:

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
3431	Debono Court, Block A, 87, Triq tal-Mensija, San Ġwann	Registration of Rules	30/12/2019
3433	Distant Waters, Triq Wied Qirda, Ħaż-Żebbuġ	Registration of Rules	31/12/2019
3379	23, Nina Apartments, Triq Lord Byron, Il-Ħamrun	Registration of Rules	12/12/2019
3408	La Piazza, Triq Tumas Dingli, Ħaż-Żebbuġ	Registration of Rules	19/12/2019
3409	Emerald Court, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar	Registration of Rules	20/12/2019
3081	Argento Garage Owners Association, Triq il-Miġbħa, Il-Mellieħa	Registration of Rules	21/06/2019
3080	Argento Owners Association, Triq il-Miġbħa, Il-Mellieħa	Registration of Rules	21/06/2019
3449	Beach Flats, 26, Triq San Publiju, San Pawl il-Baħar	Registration of Rules	23/01/2020
3440	Blue Skies, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar	Registration of Rules	16/01/2020
3441	Orchid Court, Triq Tal-Qattus, Ħal Għaxaq	Registration of Rules	16/01/2020
3444	12, St Joseph, Triq il-Flotta, Il-Gżira	Registration of Rules	21/01/2020

Dr Claude Sapiano, LLD
Aġent Reġistratur tal-Artijiet

It-18 ta' Frar, 2020

No. 187

CONDOMINIUM ACT
(CAP. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Claude Sapiano, LLD
Acting Land Registrar

18th February, 2020

Nru. 188

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 188

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS ACT 1996 (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjan Privat
Application for licence of a Private Guard

Waylon Sammut	411399M	37, Flat 5, Triq il-Kappuċċini, Il-Furjana
Gabriela Temelkovska	187904A	290 Flat 5, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema
Aleksandar Domazet	169776A	Kingfisher Crt Flat 4, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar
Jonathan Gauci	275882M	12, Triq Patri Indri Vella O P, Il-Birgu
Kevin Calleja	481375M	6 L-Ikona, Triq it-Torri Lanzon, San Ġwann
Jordan Seychell	98799M	Blk 3 Bieb 1 Flat 1, Triq il-Gżira, Il-Gżira
Rosita Frendo	24079G	Blk 5, 1 Anay, Triq il-Fieres, Ħal Tarxien
Maria Dolores Azzopardi	575377M	89, Dreamer, Triq il-Knisja, Ix-Xgħajra
Terry Luke Buttigieg	463487M	56, St Rita Flat 3, Triq Sant'Aristarku, San Pawl il-Baħar
Kurt Schembri	157897M	St Joseph, Ħaġar Qim, Limiti tal-Qrendi
Uros Obradovic	158782A	Mistra, Blk B, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar
Lucienne Mifsud	82076M	Adonai, Triq San Ġorġ, Ħal Għaxaq
Raymond Aquilina	465962M	11, Blk 1, Bieb B, Flat 1, Misraħ Awrekarja, San Ġwann
Edward Vassallo	523166M	138, Triq Patri Mattew Sultana, Il-Kalkara
Jacqueline Mamo	259871M	145, Citta Pinto Crt, Flat 4, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi
Joseph Cassar	362163M	30 November Rain, Triq San Nikola, Marsaskala
Alan La Grasta	357171M	30, StGilgen, Triq Emmanuel Schembri, Birkirkara
Gloria Pisani	287771M	Bastion View, Blk A, Flat 1, Triq Vincenzo Maculano, Il-Fgura
Sergio Farrugia	209072M	44, Sacre Coeur, Flat 6, Triq Antonio Sciortino, L-Imsida
Charles Busuttil Micallef	244284M	115 Charlette, Triq il-Fuħħar l-Aħmar, L-Imġarr
Emmanuel Said	266479M	25, Triq il-Kastellan, Iż-Żejtun
Stefan Stojanovic	243279A	46, The Vines, Blk B, Flat 3, Triq il-Fikus, Ħ'Attard
John Mark Attard	22079M	Blk 5, Hse 3, Triq il-Profs Walter Ganado, Pembroke
Joanne Mifsud	553077M	Sunbeam, Flat 2, Triq Birkirkara, San Ġiljan
Milena Ador	137283A	Marina Del Sol, Flat 6, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar
Veljko Mijailovic	238981M	Vista Crt, Flat 2, Triq Bordino, San Pawl il-Baħar
Winston Earl Lindsay	168929A	126, Triq il-Flotta, Il-Gżira
Lawrence Bordieri	223059M	Solitaire Crt, Ħniena Divina, Triq l-Ispnott, Ix-Xgħajra
Liljana Lazarova	139386A	Sea Crest, Flat C6, Triq Porzjunkula, San Pawl il-Baħar
Snezha Kostadinovikj	192856A	Palazzo Quirinale, Flat 6, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar
Enis Karaj	237896A	Anici, Flat 3, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar
Ardmer Veci	236301A	Anici, Flat 3, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar
Nikola Dordevic	240995A	Abbey Crt, Flat 1, Triq Atocia, Il-Ħamrun
Milorad Rakic	137979A	Sunflower Crt, Flat 2, Triq Kartaġiniżi, Birżebbuġa
Carl Dalli	83792M	142, Flat 3, Triq San Duminku, Il-Belt Valletta
Vincent Spiteri	331768M	11, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi
Karen Spiteri	8870M	243 Karald, Triq il-Merħba, Il-Fgura
Stephen Mifsud	2472M	Adonai, Triq San Ġorġ, Ħal Għaxaq
Vojislav Matic	193842A	80, Blk G-Winston Appt, Triq l-Imrejkba, San Pawl il-Baħar

Bernice Micallef	154986M	116, Triq Santa Katarina, Ħal Qormi
Carmel Buhagiar	100448M	18, Diamar, Triq Wied Babu, Iż-Żurrieq
Clint Buhagiar	219497M	199 Isle of Wight, Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar
Raymond Bonnici	819244M	65, Flat 2, Triq San Nikola, Il-Belt Valletta
Uros Filovski	235715A	152, Larch Apartments, Flat 2, Triq Ċensu Bugeja, Il-Ħamrun
Emmanuel Calleja	118186M	5, Flat 2, 7 ta' Lulju, Triq it-Tankijiet, Birżebbuġa
Kiran Kumal	211546A	Sunrise Crt, Flat 3, Triq il-Wied Ta' Ruman, Il-Mellieħa
Tamari Tcheishvili	239333A	Primavera, Flat 4, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar
Vincent Azzopardi	504364M	365 Vinsil, Triq l-Imdina, Ħal Qormi
Stephen Farrugia	49170M	Mayfair Crt, Blk B, Flat 28, Triq il-Pellikani, Ħal Tarxien
Mary Muscat	256571M	37, Monte Herrier, Triq Gaspare Pace, Is-Siġġiewi
Milorad Pantovic	200100A	Osmonde Crt, Blk B, Flat 7, Triq il-Papa Piju XII, Ħaż-Żabbar
Analise Sghendo	236296M	18, Triq il-Blata, Ħal Qormi
Andrew Frendo	67578M	19, Sqaq l-Iskoċċiżi, Bormla
Maria Psaila	571179M	5, St Anna, Triq Francesco Buhagiar, Il-Qrendi
Josianne Vella	187673M	1, Just Once, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-Pulizija jew mill-Forzi Armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-18 ta' Frar, 2020

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the Police or Armed Forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

18th February, 2020

Nru. 189

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
18.2.2020	€47.130	€0.557

It-18 ta' Frar, 2020

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 25

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Balzan

Nhar il-Ħamis, 26 ta' Marzu, 2020, mis-6.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Vjal De Paule (quddiem l-entratura prinċipali tal-Lukanda Corinthia).

Ix-Xagħra (Għawdex)

Nhar is-Sibt, 22 ta' Frar, 2020, mill-10.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq Marija Bambina, Vjal it-8 ta' Settembru u Pjazza l-Vittorja.

Iż-Żebbuġ (Għawdex)

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Frar, 2020, mill-11.00 a.m. sas-2.30 p.m., minn Triq Ġoma, Triq il-Knisja u Pjazza l-Assunta.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2020, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar, minn Triq il-Gudja u Pjazza Ħal Għaxaq.

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Frar, 2020, mis-7.00 a.m. sas-1.00 a.m., minn Triq Santa Marija, Pjazza Ħal Għaxaq, Vjal il-Labour, Triq San Filippu u Triq Santu Rokku.

No. 189

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
18.2.2020	€47.130	€0.557

18th February, 2020

POLICE NOTICE

No. 25

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Ħal Balzan

On Thursday, 26th March, 2020, from 6.00 a.m. till 1.00 p.m., through Vjal De Paule (in front of main entrance of Corinthia Hotel).

Xagħra (Gozo)

On Saturday, 22nd February, 2020, from 10.00 a.m. till 2.00 p.m., through Triq Marija Bambina, Vjal it-8 ta' Settembru and Pjazza l-Vittorja.

Żebbuġ (Gozo)

On Sunday, 23rd February, 2020, from 11.00 a.m. till 2.30 p.m., through Triq Ġoma, Triq il-Knisja and Pjazza l-Assunta.

Ħal Għaxaq

On Friday, 21st February, 2020, from 8.00 a.m. till noon, through Triq il-Gudja and Pjazza Ħal Għaxaq.

On Sunday, 23rd February, 2020, from 7.00 a.m. till 1.00 a.m., through Triq Santa Marija, Pjazza Ħal Għaxaq, Vjal il-Labour, Triq San Filippu and Triq Santu Rokku.

Nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar, 2020, mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m., minn Triq Santa Marija, Triq San Filippu, Vjal il-Labour u Triq Santa Tereża.

Nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2020, mill-5.00 p.m. sas-1.00 a.m., minn Triq Santa Marija, Triq San Filippu,Vjal il-Labour, u Triq Santa Tereża.

Nhar is-Sibt, 22 ta' Frar, 2020, mhux permess parkeġġ f'Misraħ San Ġorġ mid-9.00 p.m. sal-11.15 a.m. tal-Ħadd, 23 ta' Frar, 2020.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Frar, 2020

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 26

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Bejn id-9.00 p.m. tal-Ħamis, 20 ta' Frar, 2020, u l-5.00 a.m. tal-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2020, u bejn it-8.00 p.m. tat-Tlieta, 25 ta' Frar, 2020, u t-3.00 a.m. tal-Erbgħa, 26 ta' Frar, 2020, minn Triq Marsamxett bejn Triq Santa Luċija u Triq San Mark.

Bejn il-5.00 a.m. tal-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2020, u l-11.00 p.m. tat-Tlieta, 25 ta' Frar, 2020, minn Triq Ġlormu Cassar bejn il-Monument tal-Gwerra u Pjazza Kastilja, Triq il-Merkanti bejn Triq l-Arċisqof u Triq San Kristofru, Triq l-Arċisqof bejn Triq San Pawl u Triq l-Ifran u Triq ir-Republika bejn Triq l-Arċisqof u Triq San Kristofru.

Bejn il-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2020, sat-Tlieta, 25 ta' Frar, 2020, mis-1.00 p.m. sal-11.00 p.m. minn Triq ir-Repubblika minn Triq l-Arċisqof sa Triq San Kristofru.

Il-Furjana

Bejn id-9.00 p.m. tal-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2020, u l-5.00 a.m. tas-Sibt, 22 ta' Frar, 2020, u bejn it-8.00 p.m. tat-Tlieta, 25 ta' Frar, 2020, u t-3.00 a.m. tal-Erbgħa, 26 ta' Frar, 2020, il-parkeġġ kollu fi Triq Ħannibal Scicluna (quddiem il-Lukanda Excelsior).

On Monday, 24th February from 5.00 p.m. till 1.00 a.m., through Triq Santa Marija, Triq San Filippu, Vjal il-Labour and Triq Santa Tereża.

On Tuesday, 25th February from 5.00 p.m. till 1.00 a.m., through Triq Santa Marija, Triq San Filippu,Vjal il-Labour, and Triq Santa Tereża.

On Saturday, 22nd February, 2020, no parking is allowed at Misraħ San Ġorġ from 9.00 p.m. till 11.15 a.m. of Sunday, 23rd February, 2020.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

18th February, 2020

POLICE NOTICE

No. 26

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

Between 9.00 p.m. of Thursday, 20th February, 2020, and 5.00 a.m. of Friday, 21st February, 2020, and between 8.00 p.m. of Tuesday, 25th February, 2020, and 3.00 a.m. of Wednesday, 26th February, 2020, from Triq Marsamxett between Triq Santa Luċija and Triq San Mark.

Between 5.00 a.m. of Friday, 21st February, 2020, and 11.00 p.m. of Tuesday, 25th February, 2020, from Triq Ġlormu Cassar between the War Memorial and Pjazza Kastilja, Triq il-Merkanti between Triq l-Arċisqof and Triq San Kristofru, Triq l-Arċisqof between Triq San Pawl and Triq l-Ifran and Triq ir-Republika between Triq l-Arċisqof and Triq San Kristofru.

Between Friday, 21st February, 2020, till Tuesday, 25th February, 2020, from 1.00 p.m. till 11.00 p.m. through Triq ir-Repubblika from Triq l-Arċisqof till Triq San Kristofru.

Floriana

Between 9.00 p.m. of Friday, 21st February, 2020, till 5.00 a.m. of Saturday, 22nd February, 2020, and between 8.00 p.m. of Tuesday, 25th February and 3.00 a.m. of Wednesday, 26th February, 2020, all the parking spaces in Triq Ħannibal Scicluna (in front of the Excelsior Hotel).

Bejn il-5.00 p.m. tal-Ħamis, 20 ta' Frar u l-11.00 p.m. tat-Tlieta, 25 ta' Frar, 2020, minn Triq San Publiju bejn Triq l-Assedju l-Kbir u Triq San Tumas, Triq San Tumas bejn Triq Sant'Anna u Triq Sarria, Triq Sarria bejn Triq San Tumas u Triq l-Assedju l-Kbir, Pjazza San Publiju u bejn Triq San Publiju u Triq Sarria.

Between 5.00 p.m. of Thursday, 20th February, 2020, and 11.00 p.m. of Tuesday, 25th February, 2020, through Triq San Publiju between Triq l-Assedju l-Kbir and Triq San Tumas, Triq San Tumas between Triq Sant'Anna and Triq Sarria, Triq Sarria between Triq San Tumas and Triq l-Assedju l-Kbir, Pjazza San Publiju and between Triq San Publiju and Triq Sarria.

Bejn is-6.00 p.m. tal-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2020, u s-6.00 p.m. tat-Tlieta, 25 ta' Frar, 2020, il-parkeġġ tal-Fosos.

Between 6.00 p.m. of Friday, 21st February, 2020, and 6.00 p.m. of Tuesday, 25th February, 2020, the Granaries' parking.

It-Tlieta, 25ta' Frar, 2020, mis-6.00 a.m. sa nofsillejl minn Triq Sant'Anna mill-Funtana tal-Iljun sal-Monument tal-Gwerra.

On Tuesday, 25th February, 2020, from 6.00 a.m. till midnight through Triq Sant'Anna from the Lion Fountain till the War Memorial.

It-Tlieta 25 ta' Frar, 2020, bejn il-5.00 a.m. u l-11.00 p.m. minn Triq San Tumas bejn Triq Sarria u Triq Sant'Anna.

On Tuesday, 25th February, 2020, between 5.00 a.m. and 11.00 p.m. through Triq San Tumas between Triq Sarria and Triq Sant'Anna.

It-Tlieta, 25 ta' Frar, 2020, bejn is-1.00 p.m. u l-11.00 p.m. minn Triq il-Kapuċċini bejn it-Telgħa tal-Kurċifiss u Pjazza Pietro Floriani, Triq Sant'Anna u bejn il-Funtana tal-Iljun u l-Monument tal-Gwerra.

On Tuesday, 25th February, 2020, between 1.00 p.m. and 11.00 p.m. through Triq il-Kapuċċini between Crucifix Hill and Pjazza Pietro Floriani, Triq Sant'Anna and between Lion Fountain and the War Memorial.

Mill-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2020, mit-8.00 p.m. 'il quddiem, mis-Sibt, 22 ta' Frar, 2020, minn nofsinhar 'il quddiem, mill-Ħadd, 23 ta' Frar, 2020, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, mit-Tnejn, 24 ta' Frar, 2020, mis-7.00 p.m. 'il quddiem u mit-Tlieta, 25 ta' Frar, 2020, mis-7.00 p.m. 'il quddiem minn King Edward Avenue, quddiem il-Lukanda Phoenicia.

From Friday, 21st February, 2020, from 8.00 p.m. onwards, on Saturday, 22nd February, 2020, from noon onwards, from Sunday, 23rd February, 2020, from 4.00 p.m. onwards, from Monday, 24th February, 2020, from 7.00 p.m. onwards and from Tuesday, 25th February, 2020, from 7.00 p.m. onwards through King Edward Avenue, in front of the Phoenicia Hotel.

San Ġiljan

St Julian's

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, mill-5.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Mikiel Anġ Borg.

On Tuesday, 17th March, 2020, from 5.00 a.m. onwards through Triq Mikiel Anġ Borg.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, mill-5.00 a.m. 'il quddiem minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Lapsi.

On Tuesday, 17th March, 2020, from 5.00 a.m. onwards through Triq il-Kbira corner with Triq Lapsi.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, mill-5.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Pjazza Qalb ta' Ġesù inkluż il-parkeġġ tat-Tigullio.

On Tuesday, 17th March, 2020, from 5.00 a.m. onwards through Triq Pjazza Qalb ta' Ġesù including Tigullio.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, mill-5.00 a.m. 'il quddiem minn Triq San Ġorġ kollha.

On Tuesday, 17th March, 2020, from 5.00 a.m. onwards through all of Triq San Ġorġ.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, mill-5.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Spinola (l-ewwel parti min-naħa ta' Triq San Ġorġ).

On Tuesday, 17th March, 2020, from 5.00 a.m. onwards through Triq Spinola (first part from Triq San Ġorġ).

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, mill-5.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Ġorġ Borg Olivier (mis-City of London lejn Pjazza Qalb ta' Ġesù).

On Tuesday, 17th March, 2020, from 5.00 a.m. onwards through Triq Ġorġ Borg Olivier (from City of London towards Pjazza Qalb ta' Ġesù).

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, mill-5.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema.

On Tuesday, 17th March, 2020, from 5.00 a.m. onwards through Triq Santa Marija corner with Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema.

Il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan jgħarraf ukoll illi nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, Triq Mikiel Anġ Borg min-naħa tal-Y Junction direzzjoni lejn il-Pjazza ta' San Ġiljan, se tkun magħluqa għat-traffiku mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, Triq il-Baltiku direzzjoni lejn Triq Mikiel Anġ Borg, se tkun magħluqa għat-traffiku mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, Triq Triq Mikiel Anġ Borg min-naħa ta' Triq Reġjonali, San Ġiljan se tkun magħluqa għat-traffiku mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Lapsi se tkun magħluqa għat-traffiku mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, Pjazza Qalb ta' Ġesù, inkluż il-parkeġġ tat-Tigullio se tkun magħluqa għat-traffiku mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, Triq San Ġorġ, (sa ħdejn il-Wembley taxis) se tkun magħluqa għat-traffiku mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, Triq Ġorġ Borg Olivier se tkun magħluqa għat-traffiku mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, Triq Wied Għomor se tkun magħluqa għat-traffiku mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, Triq Ivo Muscat Azzopardi se tkun magħluqa għat-traffiku mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, Triq il-Kbira (minn ħdejn Meriott Hotel (li kienet Le Meridien Hotel) direzzjoni lejn Pjazza Qalb ta' Ġesù se tkun magħluqa għat-traffiku mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, mill-10.00 a.m. 'il quddiem, it-traffiku li ġej minn Triq it-Torri, Tas-Sliema, fid-direzzjoni lejn San Ġiljan se jkun jista' jgħaddi minn Triq Dingli, Tas-Sliema

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, it-traffiku li ġej minn Triq Sant'Andrija (mill-Pelican Lights ta' Paceville) se jkun jista' jgħaddi minn Triq Santu Wistin, San Ġiljan mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, it-traffiku li ġej minn Triq Reġjonali, se jkun jista jibqa' sejjer għal taħt il-mini direzzjoni lejn l-Imsida biss mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar is- 17 ta' Marzu 2020, it-traffiku li ġej minn Triq il-Baħar l-Iswed, ikun jista' jgħaddi lejn il-Wied ta' San Ġwann biss mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

The Commissioner of Police hereby also notifies that on Tuesday, 17th March, 2020, Triq Mikiel Anġ Borg from the Y Junction direction towards Saint Julian's Square, will be closed for traffic from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, Triq il-Baltiku direction towards Triq Mikiel Anġ Borg, will be closed for traffic from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, Triq Mikiel Anġ Borg from Triq Reġjonali, St Julian's will be closed for traffic from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, Triq il-Kbira corner with Triq Lapsi will be closed for traffic from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, Pjazza Qalb ta' Ġesù, including Tigullio parking will be closed for traffic from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, Triq San Ġorġ (till near Wembley Taxis) will be closed for traffic from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, Triq Gorġ Borg Olivier will be closed for traffic from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, Triq Wied Għomor will be closed for traffic from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, Triq Ivo Muscat Azzopardi will be closed for traffic from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, Triq il-Kbira (from the Meriott Hotel (ex Le Meridien Hotel) direction towards Pjazza Qalb ta' Ġesù will be closed for traffic, from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, traffic coming from Triq it-Torri, Tas-Sliema, direction towards St Julian's will be diverted towards Triq Dingli, Tas-Sliema from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, traffic coming from Triq Sant'Andrija (from near Paceville Pelican Lights) will be diverted towards Triq Santu Wistin, St Julian's from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, traffic coming from Triq Reġjonali will be diverted towards the tunnels direction Msida only from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, traffic coming from Triq il-Baħar l-Iswed will be diverted towards San Ġwann Valley from 10.00 a.m. onwards.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, it-traffiku li ġej minn Triq Ross (minn ħdejn Portomaso) ikun jista' jgħaddi biss lejn Triq San Ġorġ direzzjoni lejn il-pelikan lights ta' Paceville mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2020, it-traffiku li ġej minn Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema u minn Triq Telgħet San Ġiljan (magħrufa bħala Tal-Kirxa) ikun jista jgħaddi lejn Triq it-Torri, Tas-Sliema mill-10.00 a.m. 'il quddiem.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Frar, 2020

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 27

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Imdina

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Marzu, 2020, mit-3.00 a.m. sad-9.30 a.m., minn Pjazza Mario Galea Testaferrata (inkluża ż-żona ta' parkeġġ), Is-Saqqajja.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Marzu, 2020, mit-3.00 a.m. sad-9.30 a.m., minn Triq il-Mużew u Triq l-Imtarfa.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Frar, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 20 tal-2020

Marine Outfall Pipe Laydown – Ħondoq ir-Rummien

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u sidien ta' bastimenti illi se ssir operazzjoni ta' pipe laydown 'l hinn mill-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien.

On Tuesday, 17th March, 2020, traffic coming from Triq Ross, (from near Portomaso), will be allowed to go towards Triq San Ġorġ in the direction of the Paceville pelican lights from 10.00 a.m. onwards.

On Tuesday, 17th March, 2020, traffic coming from Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema and Triq Telgħet San Ġiljan (known as Tal-Kirxa) will be diverted towards Triq it-Torri, Tas-Sliema from 10.00 a.m. onwards.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

18th February, 2020

POLICE NOTICE

No. 27

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Mdina

On Sunday, 1st March, 2020, from 3.00 a.m. till 9.30 a.m., through Pjazza Mario Galea Testaferrata (including parking area), Saqqajja.

Rabat (Malta)

On Sunday, 1st March, 2020, from 3.00 a.m. till 9.30 a.m., through Triq il-Mużew and Triq l-Imtarfa.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

18th February, 2020

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 20 of 2020

Marine Outfall Pipe Laydown – Ħondoq ir-Rummien

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a pipe laydown operation will be held off Ħondoq ir-Rummien Bay.

Se jkun hemm għaddasa jaħdmu waqt din l-operazzjoni li se ssir ċentrata f'pożizzjoni A u l-inħawi li jidhru fuq il-mappa li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt).

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 01'.598	014° 19'.427

Jekk jippermetti t-temp, din l-operazzjoni ta' pipe laydown se tibda nhar it-Tnejn, 17 ta' Frar, 2020, u mistennija li tkun lesta sal-Ħadd, 15 ta' Marzu, 2020. L-operazzjoni tibda fis-7.00 a.m. u tieqaf sas-7.00 p.m. kuljum.

Matul l-operazzjoni ta' pipe laydown il-bastiment SEAWOLF II u l-barkun B45 se jassistu lill-għaddasa u se jkunu qed juru l-bandiera 'A' u 'D' tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali minħabba li se jkollhom restrizzjoni fil-manuvrar.

Se titqiegħed silt curtain madwar il-bastimenti. Il-bastimenti u s-silt curtain jistgħu jibqgħu fil-pożizzjoni matul il-lejl.

Il-baħħara u operaturi ta' bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti u jżommu 'l bogħod tal-anqas 50m mill-bastimenti msemmija hawn fuq.

Struzzjonijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 għandhom jiġu obduti.

Chart affettwat: BA 211a

It-18 ta' Frar, 2020

KUNSILL LOKALI MARSAXLOKK

Post ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali Marsaxlokk jgħarraf illi l-post ta' Segretarju Eżekuttiv huwa vakanti.

Il-persuni eliġibbli biex jimlew il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv (Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali u persuni li jkunu kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi) jistgħu japplikaw permezz tal-applikazzjoni li titniżżel mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali:

(http://localgovernment.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Pages/Careers.aspx)

u indirizzata:

Divers will be deployed during the operation which will be carried out centred on position A and within the area as shown hatched on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 01'.598	014° 19'.427

Weather permitting the pipe laydown operation will commence on Monday, 17th February, 2020, and is expected to be completed by Sunday, 15th March, 2020. The operation will start at 7.00 a.m. and stop by 7.00 p.m. every day.

During the pipe laydown operation the vessel SEAWOLF II and barge B45 will assist the divers and will be displaying the International Code of Signals Flag 'A' and 'D' as they will also have restricted manoeuvrability.

A silt curtain will be laid around the vessels. The vessels and the silt curtain may remain in position during the night.

Mariners and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout and give the above mentioned vessels a wide berth of at least 50m.

Instructions given by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 are to be complied with.

Chart affected: BA 211a

18th February, 2020

MARSAXLOKK LOCAL COUNCIL

Post of Executive Secretary

The Marsaxlokk Local Council notifies that the post of Executive Secretary is vacant.

Eligible persons (Executive Secretaries serving within Local Councils and Regional Committees and persons who have qualified as Prospective Executive Secretaries) may apply on the relevant application form which can be downloaded from the site of the Department of Local Government at:

(http://localgovernment.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Pages/Careers.aspx)

and addressed to:

Is-Sindku
(Vakanza Segretarju Eżekuttiv)
Kunsill Lokali Marsaxlokk
2, Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK1051

L-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelop issiġillat sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2020. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

Formola tal-Applikazzjoni – Verżjoni bil-Malti: (http://dlg.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Documents/Careers/Applikazzjoni%20ghal%20SE%20(M).pdf).

It-18 ta' Frar, 2020

KUNSILL LOKALI L-GŻIRA

Post ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali l-Gżira jgħarraf li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv huwa vakanti.

Il-persuni eliġibbli biex jimlew il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv (Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali u persuni li jkunu kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi) jistgħu japplikaw permezz tal-applikazzjoni li titniżżel mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (http://localgovernment.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Pages/Careers.aspx) u indirizzata:

Is-Sindku
(Vakanza Segretarju Eżekuttiv)
Kunsill Lokali l-Gżira
283/1 Triq D'Argens
Il-Gżira

L-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelop issiġillat sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu, 2020.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

Formola tal-Applikazzjoni – Verżjoni bil-Malti (http://dlg.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Documents/Careers/Applikazzjoni%20ghal%20SE%20(M).pdf).

It-18 ta' Frar, 2020

The Mayor
(Vacancy Executive Secretary)
Marsaxlokk Local Council
2, Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK1051

Applications may be sent by post or delivered at the above address in a sealed envelope by noon of Tuesday, 3rd March, 2020. Late applications will not be considered.

Application Form – English version: (http://dlg.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Documents/Careers/Applikazzjoni%20ghal%20SE%20(E).pdf).

18th February, 2020

GŻIRA LOCAL COUNCIL

Post of Executive Secretary

The Gżira Local Council notifies that the post of Executive Secretary is vacant.

Eligible persons (Executive Secretaries serving within Local Councils and Regional Committees and persons who have qualified as Prospective Executive Secretaries) may apply on the relevant application form which can be downloaded from the site of the Department of Local Government (http://localgovernment.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Pages/Careers.aspx) and addressed to:

The Mayor
(Vacancy Executive Secretary)
Gżira Local Council
283/1 Triq D'Argens
Gżira

Applications may be sent by post or delivered at the above address in a sealed envelope by noon of Wednesday, 4th March, 2020.

Late applications will not be considered.

Application Form – English version (http://dlg.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Documents/Careers/Applikazzjoni%20ghal%20SE%20(E).pdf).

18th February, 2020

DIVIŻJONI TAL-MIŻURI U SAPPORT,
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ U DJALOGU SOĊJALI
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET
BARRANIN U EWROPEJ

AVVIŻ – 17 ta' Frar 2020
Business Enhance ERDF Grant Schemes

Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2014-2020
It-trawwim ta' ekonomija kompetittiva u sostenibbli li tilqa' l-isfidi tagħna

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u Sapport fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej (MFEA), maħtura mill-Awtorità ta' Ġestjoni f'Malta għall-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 biex isservi bħala l-Korp Intermedjarju responsabbli mill-amministrazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna għall-intraprizi taħt il-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, tixtieq tħabbar it-tnedija tas-sejħa elenkata hawn taħt:

It-Tieni Sejħa – SME Consultancy Services Grant Scheme Ass Prijoritarju 3 – 'It-titjib tal-kompetittività permezz tal-investimenti fl-SMEs' Prijorità ta' Investiment (PI) 3a – Tiġi promossa l-intraprenditorija, b'mod partikolari billi jiġi aġevolat l-isfruttar ekonomiku ta' ideat ġodda u trawwim fil-ħolqien ta' ditti ġodda, inkluż permezz ta' inkubaturi tan-negozju. Din is-sejħa hi amministrata permess ta' open rolling call u l-cut-off dates jiskadu f'nofsinhar tal-ġranet imsemmija:

Il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020
It-Tnejn, 30 ta' Marzu, 2020
Il-Ħamis, 30 ta' April, 2020
Il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2020
It-Tlieta, 30 ta' Ġunju, 2020

Ser jiġu organizzati sessjonijiet ta' informazzjoni għall-applikanti prospettivi. Dati u post ta' fejn ser isiru dawn is-sessjonijiet huma aċċessibbli minn (https://businessenhance.gov.mt/en/Pages/Information-Sessions.aspx) u applikanti prospettivi jistgħu jirreġistraw biex jattendu permezz tal-istess ħolqa tas-sit elettroniku. Aktar tagħrif u dokumentazzjoni dwar din is-sejħa, inklużi n-Noti Gwida rispettivi u l-Linji Gwida tal-Implimentazzjoni, jistgħu jinkisbu minn fuq (https://businessenhance.gov.mt).

It-18 ta' Frar, 2020

MEASURES AND SUPPORT DIVISION,
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR EU FUNDS AND SOCIAL DIALOGUE
MINISTRY FOR FOREIGN AND
EUROPEAN AFFAIRS

ANNOUNCEMENT – 17th February 2020
Business Enhance ERDF Grant Schemes

Operational Programme I – Cohesion Policy 2014-2020
Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges

The Measures and Support Division within the Ministry for Foreign and European Affairs (MFEA), designated by the Managing Authority for Cohesion Policy 2014-2020 as the Intermediate Body responsible for administering aid schemes for enterprises under the European Regional Development Fund (ERDF) under the 2014-2020 programming period, would like to announce the following call:

Call 2 – SME Consultancy Services Grant Scheme Priority Axis 3 – 'Enhancing Malta's competitiveness through investment in SMEs' Investment Priority (IP) 3a – Promoting entrepreneurship, in particular by facilitating the economic exploitation of new ideas and fostering the creation of new firms, including through business incubators. This scheme is administered through an open rolling call and the cut-off dates are set at noon of the following dates:

Friday, 28th February, 2020
Monday, 30th March, 2020
Thursday, 30th April, 2020
Friday, 29th May, 2020
Tuesday, 30th June, 2020

Information sessions will be organised for prospective applicants. Dates and venues are accessible from (https://businessenhance.gov.mt/en/Pages/Information-Sessions.aspx) and propspective applicants may register to participate accordingly. Further information on this call, including the respective Guidance Notes and the Guidelines for Implementation may be obtained from (https://businessenhance.gov.mt).

18th February, 2020

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna"
Avviż parzjalment iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
Rata ta' kofinanzjament:
Eliġibbli għall-Pubbliku (80% Fondi mill-UE; 20% Fondi Nazzjonali)

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Advert part-financed by the European Regional Development Fund
Co-financing rate: Public Eligible (80% European Union; 20% National Funds)

DIVIŻJONI TAL-MIŻURI U SAPPORT,
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ U DJALOGU SOĊJALI
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET
BARRANIN U EWROPEJ

AVVIŻ – 17 ta' Frar 2020
Business Enhance ERDF Grant Schemes
Open Rolling Calls – Cut-off Dates

Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2014-2020
It-trawwim ta' ekonomija kompetittiva u sostenibbli li tilqa' l-isfidi tagħna

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u Sapport fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej (MFEA), maħtura mill-Awtorità ta' Ġestjoni f'Malta għall-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 biex isservi bħala l-Korp Intermedjarju responsabbli mill-amministrazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna għall-intrapriżi taħt il-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew 2014-2020, tavża l-cut-off dates li jmiss sal-aħħar ta' Ġunju 2020 għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet taħt l-inizjattiva Business Enhance ERDF Grant Schemes.

Il-cut-off dates jiskadu f'nofsinhar tal-ġranet imsemmija hekk kif elenkati hawn taħt:

MEASURES AND SUPPORT DIVISION,
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR EU FUNDS AND SOCIAL DIALOGUE
MINISTRY FOR FOREIGN AND
EUROPEAN AFFAIRS

ANNOUNCEMENT – 17th February 2020
Business Enhance ERDF Grant Schemes
Open Rolling Calls – Cut-off Dates

Operational Programme I – Cohesion Policy 2014-2020
Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges

The Measures and Support Division within the Ministry for Foreign and European Affairs, designated by the Managing Authority for Cohesion Policy 2014-2020 as the Intermediate Body responsible for administering aid schemes for enterprises under the European Regional Development Fund (ERDF) 2014-2020, would like to announce cut-off dates until end June 2020 for the submission of applications under the Business Enhance ERDF Grant Schemes intiative.

The cut-off dates are set at noon of the dates listed in the table below:

L-1 Sejħa - Business Enhance RD&I Grant Scheme - Measure 1 Feasibility Studies	28 ta' Frar	30 ta' Marzu	30 ta' April	29 ta' Mejju	30 ta' Ġunju
Call 1 - Business Enhance RD&I Grant Scheme - Measure 1 Feasibility Studies	*28 February*	*30 March*	*30 April*	*29 May*	*30 June*
It-2 Sejħa - Business Enhance RD&I Grant Scheme - Measure 2 Research & Development Projects	28 ta' Frar	30 ta' Marzu	30 ta' April	29 ta' Mejju	30 ta' Ġunju
Call 2 - Business Enhance RD&I Grant Scheme - Measure 2 Research & Development Projects	*28 February*	*30 March*	*30 April*	*29 May*	*30 June*
It-3 Sejħa - Business Enhance RD&I Grant Scheme - Measure 3 Investment in Research Infrastructures	28 ta' Frar	30 ta' Marzu	30 ta' April	29 ta' Mejju	30 ta' Ġunju
Call 3 - Business Enhance RD&I Grant Scheme - Measure 3 Investment in Research Infrastructures	*28 February*	*30 March*	*30 April*	*29 May*	*30 June*
Ir-4 Sejħa - Business Enhance RD&I Grant Scheme - Measure 4 Process Innovation	28 ta' Frar	30 ta' Marzu	30 ta' April	29 ta' Mejju	30 ta' Ġunju
Call 4 - Business Enhance RD&I Grant Scheme - Measure 4 Process Innovation	*28 February*	*30 March*	*30 April*	*29 May*	*30 June*
L-1 Sejħa - e-Commerce Grant Scheme	28 ta' Frar	30 ta' Marzu	30 ta' April	29 ta' Mejju	30 ta' Ġunju
Call 1 - e-Commerce Grant Scheme	*28 February*	*30 March*	*30 April*	*29 May*	*30 June*
It-3 Sejħa - SME Growth Grant Scheme	28 ta' Frar	30 ta' Marzu	30 ta' April	29 ta' Mejju	30 ta' Ġunju
Call 3 - SME Growth Grant Scheme	*28 February*	*30 March*	*30 April*	*29 May*	*30 June*

It-3 Sejħa - Start-up Investment Grant Scheme	28 ta' Frar	30 ta' Marzu	30 ta' April	29 ta' Mejju	30 ta' Ġunju
Call 3 - Start-up Investment Grant Scheme	*28 February*	*30 March*	*30 April*	*29 May*	*30 June*
L-1 Sejħa - SME Diversification and Innovation Grant Scheme	28 ta' Frar	30 ta' Marzu	30 ta' April	29 ta' Mejju	30 ta' Ġunju
Call 1 - SME Diversification and Innovation Grant Scheme	*28 February*	*30 March*	*30 April*	*29 May*	*30 June*
L-1 Sejħa - SME Internationalisation Grant Scheme	28 ta' Frar	30 ta' Marzu	30 ta' April	29 ta' Mejju	30 ta' Ġunju
Call 1 - SME Internationalisation Grant Scheme	*28 February*	*30 March*	*30 April*	*29 May*	*30 June*
It-2 Sejħa - SME Consultancy Services Grant Scheme	28 ta' Frar	30 ta' Marzu	30 ta' April	29 ta' Mejju	30 ta' Ġunju
Call 2 - SME Consultancy Services Grant Scheme	*28 February*	*30 March*	*30 April*	*29 May*	*30 June*

Se jiġu organizzati sessjonijiet ta' informazzjoni għall-applikanti prospettivi. Dati u post ta' fejn ser isiru dawn is-sessjonijiet huma aċċessibbli minn (https://businessenhance.gov.mt/en/Pages/Information-Sessions.aspx) u applikanti prospettivi jistgħu jirreġistraw biex jattendu permezz tal-istess ħolqa tas-sit elettroniku.

Information sessions will be organised for prospective applicants. Dates and venues are accessible from (https://businessenhance.gov.mt/en/Pages/Information-Sessions.aspx) and propspective applicants may register to participate accordingly.

Aktar tagħrif u dokumentazzjoni dwar din is-sejħa, inklużi n-Noti Gwida rispettivi u l-Linji Gwida tal-Implimentazzjoni jistgħu jinkisbu minn (https://businessenhance.gov.mt).

Further information on this call, including the respective Guidance Notes and the Guidelines for Implementation, may be obtained from (https://businessenhance.gov.mt).

It-18 ta' Frar, 2020

18th February, 2020

Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna"
Avviż parzjalment iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
Rata ta' kofinanzjament:
Eliġibbli għall-Pubbliku (80% Fondi mill-UE; 20% Fondi Nazzjonali)

Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Advert part-financed by the European Regional Development Fund
Co-financing rate: Public Eligible (80% European Union; 20% National Funds)

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET
BARRANIN U EWROPEJ
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ

MINISTRY FOR FOREIGN
AND EUROPEAN AFFAIRS
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR EUROPEAN FUNDS

Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020

European Agricultural Fund for Rural Development 2014-2020

PREAVVIŻ (Miżura 4.2 u 6.4)

PRE-ANNOUNCEMENT (Measures 4.2 and 6.4)

Miżura 4.2: Appoġġ għal investment fl-ipproċessar/kummerċjalizzazzjoni u/jew żvilupp ta' prodotti agrikoli

Measure 4.2: Support for investments in processing/marketing and/or development of agricultural products

Id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi tal-Unjoni Ewropea fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej jħabbar li ser tiġi varata t-tieni sejħa tal-miżura 4.2 taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta. L-applikazzjonijiet ser jiftħu nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar, 2020, u jagħlqu nhar il-Ħamis, 30 ta' April, 2020.

Il-Miżura 4.2 'Appoġġ għal investimenti fl-ipproċessar/kummerċjalizzazzjoni u/jew żvilupp ta' prodotti agrikoli' għandha l-għan li toffri għajnuna lil bdiewa u proċessuri f'attivitajiet li jżidu l-valur tal-prodotti primarji jew żvilupp ta' prodotti ġodda, u/jew ftuħ fi swieq ġodda.

Bdiewa u negozji u entitajiet oħra li huma attivi fis-setturi tal-agrikoltura u tal-ipproċessar huma eliġibbli għal din l-għajnuna taħt din il-miżura. Il-benefiċjarji ser jirċievu sa massimu ta' 50% tat-total tal-ispejjeż eliġibbli taħt il-proġett. Dawn il-proġetti għandhom ikunu ta' benefiċċju għas-settur agrikolu lokali.

Dan ser ikun l-aħħar lott ta' applikazzjonijiet taħt il-Programm ta' Żvilupp Rurali 2014-2020 sakemm ma jiġix notifikat mod ieħor mill-Awtorità ta' Ġestjoni.

Aktar dettalji dwar il-proċess ta' applikazzjoni ser jiġu ppubblikati dalwaqt fuq is-siti elettroniċi tal-Awtorità ta' Ġestjoni (www.eufunds.gov.mt) u (www.eufundsmalta.gov.mt). Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja l-Awtorità ta' Ġestjoni fuq (rdd.meae@gov.mt) jew 2200 1108.

Miżura 6.4: Appoġġ għal investimenti għal ħolqien u żvilupp ta' attivitajiet mhux agrikoli

L-Awtorità ta' Ġestjoni tixtieq tħabbar li ser tkun qiegħda tirċievi l-aħħar grupp ta' applikazzjonijiet taħt is-Sottomiżura 6.4 sal-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju, 2020. Mhux ser ikunu milqugħa iktar applikazzjonijiet wara din id-data sakemm ma jigix notifikat mod ieħor mill-Awtorità ta' Ġestjoni.

It-18 ta' Frar, 2020

The Director General of the Funds and Programmes Division, within the Parliamentary Secretariat for European Funds announces the pre-launch of the second call of measure 4.2 under the Rural Development Programme. Applications will open on Monday, 24th February, 2020, and close on Thursday, 30th April, 2020.

Measure 4.2 'Support for investments in processing/marketing and/or development of agricultural products' has the aim to support farmers and processors in adding value to primary products or in developing new products, and/or opening up new markets.

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 24 ta' Frar, 2020, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/02/2020. Provvista u konsenja ta' hybrid video recorders – DVR/NVR għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/04/2020. Xiri ta' GPR Machine għal Utility Detection u prospezzjoni arkeoloġika għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 6 ta' Marzu, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/07/2020. Disinn, provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjonar ta' MCC u rinovar għal boosters tan-Naxxar għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/09/2020. Provvista u konsenja ta' batteriji għal scada outstations u base stations għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/05/2020. Provvista u konsenja ta' circuit breaker panels b'vultaġġ baxx għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/03/2020. Bażi ta' ftehim għall-provvista, konsenja u ħatt ta' UPVC pipes għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/11/2020. Provvista u konsenja ta' 600mm manhole covers u frames għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 10 ta' Marzu, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/ 12/2020. Bażi ta' ftehim għall-provvista u konsenja ta' liquid chlorine gas għal sorsi ta' groundwater għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 13 ta' Marzu, 2020, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/17/2020. Bini ta' 3 kmamar effiċjenti fl-użu tal-enerġija billi jintużaw materjali u prodotti li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent għal użu tal-elettriku fil-Pwales Wastewater Pumping Station tal-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex

Up to 9.30 a.m. on Monday, 24th February, 2020, for:

Quot. No. WSC/Q/02/2020. Supply and delivery of hybrid video recorders – DVR/NVR for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 28th February, 2020, for:

Advt No. WSC/T/04/2020. Purchase of a GPR Machine for Utiliy Detection and Archaeological Prospection to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 6th March, 2020, for:

Advt No. WSC/T/07/2020. Design, supply, delivery, installation and commissioning of MCC and upgrades for Naxxar boosters for the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/09/2020. Supply and delivery of batteries for scada outstations and base stations at the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/05/2020. Supply and delivery of low voltage circuit breaker panels for the Water Services Corporation.

Advt. No. WSC/T/03/2020. Framework Agreement for the Supply, Delivery and Unloading of UPVC Pipes for the Water Services Corporation.

Advt. No. WSC/T/11/2020. Supply and delivery of 600mm manhole covers and frames for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 10th March, 2020, for:

Advt No. WSC/T/12/2020. Framework agreement for the supply and delivery of liquid chlorine gas for groundwater sources of the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 13th March, 2020, for:

*Advt No. WSC/T/17/2020. Construction of 3 new energy efficient rooms using environmentally friendly construction materials and products for electrical use at Pwales Wastewater Pumping Station of the Water Services Corporation.

*Advertisement appearing for the first time

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession

ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom onlajn. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

It-18 ta' Frar, 2020

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 20 ta' Frar, 2020.

Avviż Nru. 1. Bejgħ tale quale ta' Sit fuq wara ta' Plot Nru. 142, Triq il-Ward, Ħaż-Żabbar kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta L.D.37/81/47. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,360 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlettax-il elf u sitt mitt ewro (€13,600) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir il-ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 2. Bejgħ tale quale ta' sit fi Vjal ir-Riħan kantuniera ma' Vjal in-Naspli, San Ġwann kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0543. Dan is-sit irid jintuża biss bħala side garden. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €7,658 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitta u sebgħin elf ħames mija ħamsa u sebgħin ewro (€76,575) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 3. Għotja b'ċens temporanju għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena tale quale ta' sit fi Triq is-Santi, L-Imġarr Malta kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_431. Dan is-sit irid jintuża biss għal skopijiet agrikoli jew bħala ġnien. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €2,700 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disa' mitt ewro (€900) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

18th February, 2020

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 20th February, 2020.

Advt. No. 1. Sale tale quale of a site at the back of Plot No. 142, Triq il-Ward, Ħaż-Żabbar shown edged in red on plan L.D.37/81/47. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €1,360 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirteen thousand and six hundred euro (€13,600) will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt. No. 2. Sale tale quale of a site at Vjal ir-Riħan corner with Vjal in-Naspli, San Ġwann shown edged in red on plan P.D.2019_0543. This site is to be used only as a side garden. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €7,658 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seventy-six thousand five hundred and seventy-five euro (€76,575) will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 3. Grant on a temporary emphyteusis for a period of forty-five (45) years tale quale of a site at Triq is-Santi, Mġarr Malta as shown edged in red on the plan P.D. 2013_431. This site is to be used solely for agricultural or gardening purposes. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €2,700 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nine hundred euro (€900) per annum will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Avviż Nru. 4. Kiri tale quale ta' Garaxx mingħajr l-arja tiegħu f'Nru. 8, Triq il-Knisja, Ta' Xbiex muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0549. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €3,162 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u erbgħa u ħamsin ewro (€1,054) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 5. Kiri tale quale għal skopijiet agrikoli ta' Sit f'Daħlet il-Mitjar il-Qadim, Birżebbuġa kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2007_569. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €12,318 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef mija u sitt ewro (€4,106) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 6. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' tnax-il ċenteżmu (€0.12) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-14 t'Awwissu, 2056, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Calcedonio Gatt tal-11 ta' April, 1906, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' garaxx immarkat internament bl-ittra 'C' li huwa mibni taħt 'St Patrick's Court', Triq San Ġwann tal-Għargħar, San Ġwann, muri bl-aħmar u mmarkat 'Garage C' fuq pjanta P.D.JO_36_2009 flimkien mad-drtitt tal-aċċess għall-area komuni mmarkata bl-isfar fuq l-istess pjanta P.D.JO_36_2009. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,263 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnax-il elf sitt mija tlieta u għoxrin ewro (€12,623) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 27 ta' Frar, 2020.

Avviż Nru. 7 Bejgħ tale quale ta' Sit sal-għoli tal-ewwel sular fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq il-Ktajjen, Is-Swieqi kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'A' fuq il-pjanta P.D.2019_0112_A. Is-sit muri bl-aħdar u mmarkat 'A1', li huwa mill-ewwel sular 'il fuq, mhuwiex inkluż ma' din l-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,820 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmintax-il elf mija sitta u disgħin ewro (€18,196) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir il-ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 8 Kiri għal skopijiet kummerċjali tal-Fond f'Nru. 114, Triq l-Ifran kantuniera ma' Triq San Duminku, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2010_552_A.

Advt. No. 4. Lease tale quale of a Garage without its own airspace at No. 8, Triq il-Knisja, Ta' Xbiex, as shown edged in red on the plan P.D.2019_0549. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €3,162 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and fifty-four euro (€1,054) per annum will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 5. Lease tale quale for agricultural purposes of a site at Daħlet il-Mitjar il-Qadim, Birżebbuġa as shown edged in red on the plan P.D.2007_569. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €12,318 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand one hundred and six euro (€4,106) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 6. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of twelve cents (€0.12) per annum, for the remaining period which expires on the 14th August, 2056, as per deed in the acts of Notary Calcedonio Gatt dated 11th April, 1906, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of a garage internally marked letter 'C' which is built under 'St Patrick's Court', Triq San Ġwann tal-Għargħar, San Ġwann, shown edged in red and marked 'Garage C' on plan P.D.JO_36_2009 together with the right of access to the common area marked in yellow on the same plan P.D.JO_36_2009. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,263 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twelve thousand six hundred and twenty-three euro (€12,623) will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 27th February, 2020.

Advt. No. 7. Sale tale quale of a site up to the height of level one at Triq il-Għajn cornering with Triq il-Ktajjen, Swieqi shown edged in red and marked letter 'A' on plan P.D.2019_0112_A. The area hatched in green marked 'A1', which is from the height of level one upwards, is not included with this tender. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €1,820 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eighteen thousand one hundred and ninenty-six euro (€18,196) will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt. No. 8. Lease for commercial purposes of the Premises at No. 114, Triq l-Ifran corner with Triq San Duminku, Valletta, shown edged in red on plan P.D.

L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €39,600 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlettax-il elf u mitejn ewro (€13,200) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 9 Għotja b'ċens perpetwu revedibbli tale quale ta' sit fir-Raba' ta' Wara l-Bejt Kontrada 'Ta' Xaman', Ta' Sannat, Għawdex kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2019_0614. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €8,110 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn seba' mija u tliet ewro (€2,703) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 5 ta' Marzu, 2020.

Avviż Nru. 10. Bejgħ tale quale ta' sit mil-livell tat-triq 'l isfel fi Triq ix-Xwejni, Marsalforn, fil-limiti taż-Żebbuġ (Għawdex) kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2007_392_2. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €2,590 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf u disa'mitt ewro (€25,900) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir il-ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 11. Bejgħ tale quale tal-Garaxx f'Nru. 4 (qabel Nru. 2) Entratura 'C' f'Binja Ħesri, Triq Dun Anton Vella, Wied Ħesri Housing Estate, Is-Siġġiewi muri bl-aħmar u mmarkat Garaxx Nru. 4 fuq il-pjanta P.D.248_91_22. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €6,030 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sittin elf u tliet mitt ewro (€60,300) ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 12. Kiri tale quale għal skopijiet kummerċjali ta' Garaxx/Maħżen Nru.9, Old Slave Block, Triq San Duminku, Il-Belt Valletta kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D232_91_1. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €40,599 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlettax-il elf ħames mija tlieta u tletin ewro (€13,533) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 13. Kiri tale quale tal-Ħanut f'Nru. 7, Blokk Nru. 16, Misrah ir-Rebħa, Il-Birgu kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2011_736. L-Offert għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €39,600 kif

2010_552_A. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €39,600 as stipulated on the tender conditions. Offers below the amount of thirteen thousand and two hundred euro (€13,200) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 9. Grant on a perpetual revisable emphyteusis tale quale of a site at Raba' ta' Wara l-Bejt Kontrada 'Ta' Xaman', Ta' Sannat, Gozo as shown edged in red on the plan P.D.2019_0614. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €8,110 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand seven hundred and three euro (€2,703) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 5th March, 2020.

Advt No. 10. Sale tale quale of a site from street level downwards in Triq ix-Xwejni, Marsalforn, limits of Żebbuġ (Gozo) as shown edged in red on plan P.D.2007_392_2. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €2,590 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-five thousand nine hundred euro (€25,900) will not be considered. A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 11. Sale tale quale of the Garage at No. 4 (formerly No. 2) Entrance 'C' at Binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Wied Ħesri Housing Estate, Siġġiewi, shown edged in red and marked Garage No. 4 on plan P.D.248_91_22. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €6,030 as stipulated on the tender conditions. Offers below the amount of sixty thousand and three hundred euro (€60,300) will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 12. Lease tale quale for commercial purposes of a Garage/Store No. 9, Old Slave Block, Triq San Duminku, Valletta as shown edged in red on the plan P.D.232_91_1. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €40,599 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirteen thousand five hundred and thirty-three euro (€13,533) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 13. Lease tale quale of a Shop at No. 7, Block No. 16, Misrah ir-Rebħa, Birgu as shown edged in red on the plan P.D.2011_736. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €39,600 as stipulated in

stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlettax-il elf u mitejn ewro (€13,200) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra, tista' tinkiseb mill-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Ma ssirx rifużjoni għal flus li jkunu diġà tħallsu għad-dokument tal-offerta.

It-18 ta' Frar, 2020

AWTORITÀ TAD-DJAR

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tad-Djar, jgħarraf illi:

Offerti magħluqin għall-Avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020.

Avviż Nru. 6/2020. Bejgħ tale quale ta' Garaxx Nru. 1, taħt Sit C, Trejqet Nazju Falzon, Pembroke. Offerti taħt €12,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 7/2020. Bejgħ tale quale ta' Garaxx Nru. 2, taħt Sit C, Trejqet Nazju Falzon, Pembroke. Offerti taħt €12,100 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 8/2020. Bejgħ tale quale ta' Store Nru. 90, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla. Offerti taħt €21,114 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 9/2020. Kera tale quale ta' Garaxx Nru. 4, taħt Blokki 1-5, Triq ir-Raddiena, Birżebbuġa. Offerti taħt €1,590 fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 10/2020. Kera tale quale ta' Store 7, Dar ir-Risq, Triq it-Tarzna, l-Isla. Offerti taħt €2,101 fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Id-dokumenti tal-offerti huma mingħajr ħlas u jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Awtorità tad-Djar.

L-Awtorità żżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-18 ta' Frar, 2020

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

the tender conditions. Offers below the amount of thirteen thousand two hundred euro (€13,200) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Tenders should only be made on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents, is obtainable from the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m. Tender fees are non-refundable.

18th February, 2020

HOUSING AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Housing Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, by 10.00 a.m. on Friday, 28th February, 2020.

Advt No. 6/2020. Sale tale quale of Garage No. 1, underlying Site C, Trejqet Nazju Falzon, Pembroke. Offers below €12,000 will not be considered.

Advt No. 7/2020. Sale tale quale of Garage No. 2, underlying Site C, Trejqet Nazju Falzon, Pembroke. Offers below €12,100 will not be considered.

Advt No. 8/2020. Sale tale quale of Store No. 90, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla. Offers below €21,114 will not be considered.

Advt No. 9/2020. Rent tale quale of Garage No. 4, underlying Blocks 1-5, Triq ir-Raddiena, Birżebbuġa. Offers below €1,590 annually will not be considered.

Advt No. 10/2020. Rent tale quale of Store 7, Dar ir-Risq, Triq it-Tarzna, Isla. Offers below €2,101 annually will not be considered.

Tender documents are free of charge and can be obtained from the Housing Authority's office.

The Housing Authority reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

18th February, 2020

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 9 ta' Marzu, 2020. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 004-0159/20. Provvediment ta' servizzi legali għall-Ministeru għas-Saħħa

CFT 020-0160/20. Provvista ta' Tympanometers

CFT 022-0161/20. Provvediment ta' intervent strutturali li jinvolvi l-konsolidament, tibdil u/jew rikostruzzjoni ta' soqfa bi travi tal-injam bħala parti mir-rinnovar tal-Isptar Monte Karmeli

CFT 020-0162/20. Contrast injector sterile consumables kits

CFT 009-0163/20. Provvista ta' 5 feet LED tubes

CFT 009-0164/20. Provvista ta' analogue telephones lil MDH

CFT 20-0165/20. Single use anaesthetic face masks

CFT 020-0166/20. Vascular consumables

CFT 020-0167/20. Tracheostomy tube cleaning devices

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-18 ta' Frar, 2020

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill Lokali Santa Luċija jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Santa Luċija, permezz tal-ePPS, sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Marzu, 2020, għal:

Avviż Nru. SLLC SL(57-20-01). Provvista u manutenzjoni ta' dwal għat-toroq – Kunsill Lokali Santa Luċija.

Avviż Nru. SLLC DPO(57-20-02). Provvediment ta' servizzi ta' data protection officer.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Monday, 9th March, 2020. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 004-0159/20. Provision of legal services for the Ministry for Health

CFT 020-0160/20. Supply of Tympanometers

CFT 022-0161/20. Provision of structural intervention involving the consolidation, replacement and/or reconstruction of ceilings with timber beams as part of the refurbishment of Mount Carmel Hospital

CFT 020-0162/20. Contrast injector sterile consumables kits

CFT 009-0163/20. Supply of 5 feet LED tubes

CFT 009-0164/20. Supply of analogue telephones to MDH

CFT 20-0165/20. Single use anaesthetic face masks

CFT 020-0166/20. Vascular consumables

CFT 020-0167/20. Tracheostomy tube cleaning devices

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

18th February, 2020

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

The Santa Luċija Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Santa Luċija Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Friday, 13th March, 2020, for:

Advt No. SLLC SL(57-20-01). Provision and maintenance of street lighting – Santa Luċija Local Council.

Advt No. SLLC DPO(57-20-02). Provision for the services of a data protection officer.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-18 ta' Frar, 2020

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

18th February, 2020

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

212

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (JA –GCD-NC) fil-5 ta' Marzu, 2019, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Manduca Louis vs Muscat Marie Louise et, Rikors Numru 980/ 1995, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Yveto Company Limited, San Marciano Limited, Carmena Dei Conti Manduca, Raymond u Anna Dei Conti Manduca, Michael Manduca u Monica Manduca, Joseph u Helen Leone Ganado, Charles u Therese Calleja, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Louis Manduca vs Marie Louise Manduca et mill-appellanti Dr Malcolm Pace bħala eredi tal-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-attur ippreżenta ċ-Ċitazzjoni datata l-20 ta' Lulju 1995.

ii. Premessi

Illi l-attur fiċ-ċitazzjoni ppremetta fil-kawża odjerna s-segwenti:

Peress illi b'testment tad-9 ta' Ġunju, 1853, fl-atti tan-Nutar Tommaso Sciortino, l-illustrissimo Signor Conte Vincenzo Manduca Piscopo Macedonia kif awtorizzat permezz ta' testment ta' ħuh in-Nobile Don Giuseppe dei Conti Manduca tad-29 ta' Novembru, 1833, fl-atti tan-Nutar Giuseppe Metropolis, impona 'fedekommess' fuq l-eredità tal-proprjetà u beni kollha li wiret l-illustrissimo Signor Don Antonio dei Conti Manduca mill-eredità tal-imsemmi Don Giuseppe missieru.

… omissis …

iii. Talbiet

L-attur talab għalhekk lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet imsemmija:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi llli l-attur huwa l-bniedem illi bl-att ta' twaqqif tal-'fedekommess' fuq imsemmi istitwit mill-Conte Vincenzo Manduca Piscopo Macedonia huwa l-proprjetarju u għalhekk intitolat igawdi l-proprjetà

By means of a decree given by the Court of Appeal (JA-GCD-NC) on the 5th March, 2019, in the records of the Application in the names Manduca Louis vs Muscat Marie Louise et, Application Number 980/1995, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents Yveto Company Limited, San Marciano Limited, Carmena Dei Conti Manduca, Raymond u Anna Dei Conti Manduca, Michael Manduca and Monica Manduca, Joseph and Helen Leone Ganado, Charles and Therese Calleja, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an application presented in the Court of Appeal in the names Louis Manduca vs Marie Louise Manduca et, by the appellants Dr Malcolm Pace as heir of the plaintiff respectfully pleaded:

1. That the plaintiff presented a Writ of Summons dated 20th July, 1995.

ii. Premises

That the plaintiff in the writ of summons premised in the present cause the following:

Whereas by a will of the 9th June, 1853, in the records of Notary Tommaso Sciortino, the Illustrissimo Signor Conte Vincenzo Manduca Piscopo Macedonia as authorised by a will of his brother the Nobile Don Giuseppe dei Conti Manduca of the 29th November, 1833, in the records of Notary Giuseppe Metropolis, imposed a 'fideicommissum' on the inheritane of all the property and estate that the illustrissmo Signor Don Antonio dei Comne Manduca inherited from the inheritance of the above mentioned Don Giuseppe his father.

… omissis …

iii. Demands

The plaintiff thus asked the defendants to state why this Honourable Court for the reasons mentioned should not:

1. Declare and decide that the plaintiff is the person who with the setting up of the 'fideicommissum' above mentioned instituted by Conte Vincenzo Manduca Piscopo Macedonia is the owner and thus entitled to enjoy the immovable property

immobili marbut b'dan il-'fedekommess' li jikkonsisti wkoll f'almenu nofs l-eredità ta' missieru Salvatore.

… omissis …

3. Tordna lill-konvenuti kollha jew min minnhom jgħaddu t-tgawdija tal-proprjetà immobili kollha marbut bil-'fedekommess' fuq imsemmi lill-attur li huwa intitolat igawdi l-istess b'titolu ta' proprjetarju.

4. Tiddeċiedi u tiddikjara lill-konvenuti kollha jew minn minnhom responsabbli għad-danni kollha kkaġunati minnhom minħabba l-aġir negliġenti, abbużiv, illegali u frawdolenti tagħhom.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti in subizzjoni.

IV. Eċċezzjonijiet

A. Illi bin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom tas-7 ta' Frar, 1998, il-konvenuti Marie Louise Muscat u Joseph Muscat eċċepew:

1. Preliminarjament in-nullità taċ-Ċitazzjoni.

… omissis …

C. Bin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti Marie Louise dei Conti Manduca, David dei Conti Manduca, Marguerite dei Conti Manduca et eċċepew:

1. Illi preliminarjament id-domandi attriċi infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ġudizzju mhux integru peress illi l-mejjet Anthony miet fil-mori tal-ġudizzju fit-28 ta' Novembru, 1995, u għalhekk l-atti jridu jiġu trasfużi f'isem uliedu Michael, Lorraine, mart Anthony Schembri u Julie mart David Clifford.

… omissis …

E. Illi bin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti Alfred Briffa u Miriam Briffa bħala Diretturi u għan-nom u in rappreżentanza ta' B&D Company Limited u ta' Yvonne Cachia bħala Direttriċi u għan-nom u in rappreżentanza ta' Yveto Company Limited, huma eċċepew:

… omissis …

I. Illi bin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha Carmela dei Conti Manduca eċċepiet:

Illi l-azzjoni intentata mill-attur hija bla bażi fil-fatt u fid-dritt billi l-atti applikabbli għall-każ ma jwasslux għall-konklużjonijiet pretiżi mill-istess attur.

affeced in virtue of this 'fideicommissum' which consists also in half of the inheritance of his father Salvatore.

… omissis …

3. Order that all the defendants or either of whom to pass the enjoyment of all the immovable property affected by the 'fedeicommissum' above mentioned to the plaintiff who is entitled to enjoy the same by title of owner.

4. Decide and declare all the defendants or either of whom responsible for all the damages caused by them due to their negligent, abusive, illegal and fraudulent actions.

With costs against the defendants who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

IV. Pleas

A. That by a their Note of Pleas of the 7th February, 1998, the defendants Marie Louise Muscat and Joseph Muscat pleaded:

1. In the first place the nullity of the Writ of Summons.

… omissis …

C. By means of their Note of Pleas the defendants Marie Louise Dei Conti Manduca, David dei Conti Manduca, Marguerite dei Conti Manduca et, pleaded:

1. That in the first place the plaintiff's requests are unfounded in fact and at law since the proceedings are not complete as the deceased Anthony died during the proceedings on the 28th November, 1995, and thus the records are to be transferred on to the name of his children, Michael, Lorraine wife of Anthony Schembri and Julie wife of David Clifford.

… omissis …

E. That by a Note of Pleas of the defendants Alfred Briffa and Miriam Briffa as Directors in the name and in representation of B&D Company Limited and of Yvonne Cachia as Director and in the name and representation of Yveto Company Limited they pleaded:

… omissis …

1. That by her Note of Pleas Carmela dei Conti Manfuca pleaded:

That the action brought forward by the plaintiff is without any basis in fact and at law as the records applicable to the cause do not bring about the conclusions pretended by the same plaintiff.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

V. Sentenza

Illi bis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2014, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi filwaqt li akkoljiet 'it-talbiet' kollha tal-konvenuti kif fuq elenkati rrespinġiet it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

VI. Appell

Illi l-esponenti ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tat-23 ta' Ottubru, 2014 u minnha qegħdin jinterponu appell quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

VII. Fatti

… omissis …

VIII. Aggravju

Illi l-aggravju tal-esponenti huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'dan li ġej:

1. Illi kif korrettement iddikjarat l-Ewwel Qorti (f'pagni 14 u 15 tas-sentenza) jirriżulta paċifiku bejn il-kontendenti li l-proprjetà hekk vinkolata bil-fedekommess li kien originarjament wiret l-imsemmi Antonio minn missieru Giuseppe għaddiet bil-mod-segwenti:

… omissis …

3. Illi l-Ewwel Qorti skorrettement iddikjarat illi l-fedekommess in diżamina abbundantement issupera r-raba' (4) grad fuqu impost u issa anke daħal fis-sitt ġenerazzjoni tal-familja involuta.

4. Illi l-Ewwel Aggravju tal-appellanti huwa li l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni żbaljata għaliex l-azzjoni attriċi bl-ebda mod ma tirriżulta difettuża stante illi nofs il-fedekommess baqa' in vigore sar-raba' ġenerazzjoni inkluż mill-istituzzjoni tagħha u spiċċa kompletament mal-mewt ta' Salvatore u mal-wirt tal-attur li kien il-persuna intitolata Louis Manduca.

… omissis …

10. Illi t-Tieni Aggravju tal-appellanti huwa illi l-Ewwel Qorti qalet li l-istitut tal-fedekommess ġie abbrogat bl-Att Numru X11 tal-1950, illum Kap. 130 tal-Liġijiet ta' Malta, u ġiet fis-seħħ fil-5 ta' Mejju 1950 irreferiet biss għall-Artikolu 3 tal-Kap. 130.

L-Ewwel Qorti skorrettement naqset stante li ma għamlet l-ebda referenza għall-'proviso' jew kondizzjoni msemmija fl-istess Artikolu 3 tal-Kap. 130.

Saving further pleas.

V. Judgement

That by means of a judgement of the 23rd October, 2014, the First Hall Civil Court decided the cause by whilst upholding 'all the demands' of the defendants as above listed rejected all the plaintiff's demands with costs against the plaintiff.

VI. Appeal

That the interpellants felt aggrieved by the judgement of the First Honourable Court of the 23rd October, 2014, and are filing an appeal therefrom before this Honourable Court of Appeal.

VII. Facts

… omissis …

VII. Grievance

That the grievance of the interpellant is clear and manifest and consists in the following:

1. That as correctly declared by the First Court (at pages 14 and 15 of the judgement) it uncontestedly results between the parties that the property so tied by the fideicommissum the said Antonio originally inherited from his father Giuseppe passed in the following manner:

… omissis …

3. That the First Court correctly declared that 'the fideicommissum' in question abundantly exceeded the fourth (4) grade imposed on it and has now entered in the sixth generation of the family involved.

4. That the First Grievance of the appellants is that the First Court reached the wrong conmclusion because plaintiff's action in no way results defective since one half of the fidecommissum remained in force till the fourth generation including from its institution and finished completely with the death of Salvatore and the inheritance of the plaintiff who was the person entitled Louis Manduca.

… omissis …

10. That the Second Grievance of the appellants is that the First Court stated that 'the institute of fideicommissum' was abrogated by Act Number X11 of 1950, today Cap. 130 of the Laws of Malta and 'came into force on the 5th May 1950' referred only to Article 3 of Cap. 130.

The First Court mistakenly failed since that it made no reference to the 'proviso' or condition mentioned in the said Article 3 of Cap. 130.

… omissis …

13. Illi t-Tielet Aggravju tal-appellanti huwa li l-Ewwel Qorti meta indirizzat l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti rigwardanti l-preskrizzjoni trentennali naxxenti mill-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ddikjarat ħazin u skorrettement illi għalhekk għandu jkun paċifiku li l-perjodu statutorjament stabbilit fl-Artikolu 2143 tal-Kap. in diżamina fuq riferit ġie abbundantement issuperat u ddikjarat ħażin inoltre illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni odjerna hi wkoll preskritta (paġna 19 tas-sentenza).

… omissis …

XI. Liġi

… omissis …

18. L-esponent jissottometti illi kieku f'każ ipotetiku pereżempju n-neputi (grandson) miet qabel il-proprjetà setgħet tgħaddi għall-erba' ġenerazzjonijiet u n-neputi ma kellux tifel tiegħu jew ħuh ieħor il-fedekommess seta' potenzjament isir diviżibbli.

19. Iżda fil-kawza odjerna dan ma kienx il-każ u l-fedekommess baqa' indivibbli.

… omissis …

24. Il fidecommesso è principio simile a quello della mano morta(Enciclopedia Italia-Trecconi).

… omissis …

35. Per il resto il fidecommeso quell'istituto giuridico testamentario che obbligava l'erede a mantenere l-eredità e trasmetterla in toto al proprio

… omissis …

52. Nel modello del fedecommesso il patrimonio in tal caso viene dichiarato inalienabile e indivisible e l'erede è tenuto a trasmetterlo intatto ai suoi successori (Tomi Academia edu).

X111. L-Imsejjaħ

Skont l-att Numru X11 tal-1950:

Artikolu 2(c) 'imsejjaħ' ifisser il-bniedem illi bl-att tat-twaqqif ta' fedekommess imissu jidħol fit-tgawdija tal-ġid immobili marbut b'dak il-fedekommess, mill-jum tal-mewt tal-possessur ta' dak il-ġid.

L-Artikolu 3(a) jagħmilha ċara li:

… omissis …

13. That the Third Grievance of the appellants is that the First Court when it addressed the plea raised by the defendants regarding the thiry years prescrition resulting from Article 2143 of the Civil Code Cap. 16 of the Laws of Malta badly and incorrectly declared 'That thus it should be uncontested that the period established in Article 2143 of the Cap. above examined referred to was abundantly exceeded' and badly declared furthermore 'That thus it results that the present action is also precribed (see page 19 of the judgement).

… omissis …

XI. Law

… omissis …

18. The interpellants submit that in case in a hypothetical case for example the nephew (grandson) died before the property could pass for four generations and the nephew did not have his son or other brother the fideicommissum could potentially be divisible.

19. But in the present cause this was not the case and the fideicommissum remained indivisble.

… omissis …

24. 'Il fideicommesso è principio simile a quello della mano morta' (Enciclopedia Italia-Trecconi).

… omissis …

35. Per il resto il fidecommesso quell'istituto giuridico testametario che obbligava l'erede a mantenere l-eredità e trasmetterla in toto al proprio.

… omissis …

52. Nel modello del fedecommesso il patrimonio in tal caso viene dichiarato inalienabile e indivisible e l'erede è tenuto a trasmetterlo intatto ai suoi successori (Tomi Academia edu).

XIII. The Holder

According to Act Number X11 of 1950:

Article 2(c) 'holder' means the person who in virtue of the act of institution of the fideicommissum, is entitled to enter into the enjoyment of the immovable property affected by that fideicommissum, from the date of death of the possessor of that wealth.

Article 3(a) makes it clear:

'fil-każ ta fedekommessi indiviżibbli fuq immobili, l-immobili hekk meħlusin mill-fedekommess isiru tal-possessur ħielsa minn kull xkiel, f'nofs biss, filwaqt li n-nofs l-ieħor tal-immobili hekk meħlusin isir ghal dak li hi l-proprjetà tal-'imsejjaħ'.'

'in case of an indivisble fideicommissum on immovables, the immovables thus freed from the fideicommissum become of the possessor freed from any burden as to one half only, whilst the other half of the immovables so freed shall pertain ao to ownership to the 'successor'.'

XIV. Sehem

Iżda ġara li l-konvenuti jew min minnhom wara li fl-1967 miet Salvatoe sive Salvino missier Louis bdew jippretendu li mhux in-nofs biss tal-proprjetà immobiljari marbut bil-fedekommess ġie liberat lil Antonio dei Conti Manduca li miet fl-1960 u kien il-possessur meta l-liġi tal-1950 daħal fis-seħħ iżda kollu. Huma infatti injoraw kompletament id-drittijiet tal-'imsejjaħ' għan-nofs l-ieħor u pproċedew sabiex jitolbu d-diviżjoni bejniethom tal-wirt kollu marbut bil-fedekommess u mhux biss in-nofs skont l-Att Numru X11 tal-1950.

XIV. Share

But it happened that the defendants or either of them after Salvatore sive Salvino son of Louis died in 1967 started to pretend that not only one half of the immovable property tied by the fideicommissum was freed in favour of Antonio dei Conti Manduca who died in 1960 and was the 'possessor' when the law of 1950 came into force but all. They infact ignored completely the rights of 'the holder' to the other half and proceeded in order to obtain a partition between them of all the inheritance tied by the fideicommissum and not only half according to Act Number X11 of 1950.

… omissis …

… omissis …

XV. Preskrizzjoni ta' tletin sena

1. Fost l-eċċezzjonijiet li ngħataw mill-konvenuti Marie Louise Muscat u Joseph Muscat hemm dik tal-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena.

XV. Prescription of Thirty Years

1. Amongst the pleas rasised by the defendants Marie Louise Muscat and Joseph Muscat there is also that of the prescition of thirty (30) years.

… omissis …

… omissis …

XVI. Preskrizzjoni ta' sentejn

1. Il-konvenuti Marie Louise Muscat u Joseph Muscat kif ukoll Miriam Cremona għar-rigward it-talba għal-likwididazjoni u ħlas ta' danni eċċepew l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 jew 2156 (f) tal-Kodici Ċivili (Kap. 16).

XV1. Prescription of Two Years

1. The defendants Marie Louise Muscat and Joseph Muscat as well as Miriam Cremona as regards the request for liquidation and payment of damages pleaded prescription in terms of Article 2153 or 2156 (f) of the Civil Code (Cap. 16).

… omissis …

… omissis …

8. Illi dawn il-persuni amministraw abbużivament fixklu lill-attur Louis Manduca u l-eredi tiegħu fit-tgawdija tal-wirt leġittimu tiegħu u ddisponew mill-proprjetà marbuta bil-fedekommess u b'hekk ikkaġunaw danni lill-attur.

8. That these persons administered abusively, obstacled the plaintiff Louis Manduca and his heirs in the enjoyment of his legitimate inheritance and disposed of the property tied by the fideicommissum and thus caused damaged to the plaintiff.

9. Illi ghalhekk il-preskrizzjoni ta' sentejn ghad-danni ma bdietx tapplika sakemm jingħata rendikont lill-attur mill-konvenuti amministraturi kif inhuma obbligati skont il-liġi.

9. That thus the two year prescription for damages did not commence to apply till the plaintiff was not rendered an account by the defendant administrators as obliged according to law.

XVII. Nullità

Ġie wkoll eċċepit in-nullità taċ-ċitazzjoni.

XV11. Nullity

The nullity of the writ of summons was also pleaded.

… omissis …

… omissis …

XVIII. Danni

Id-danni jikkonsistu fil-fatt li minn barra li wara l-mewt ta' missier l-attur fl-10 ta' Novembru, 1967, il-konvenuti baqgħu jippossjedu u jamministraw in-nofs l-ieħor tal-proprjetà immobiljari marbuta bil-fedekommess sal-lum, bl-aġir tagħhom fixklu lill-attur mit-tgawdija ta' nofs il-proprjetà marbuta bil-fedekommess u abbużivament iddisponew minn xi proprjetà marbuta bil-fedekommess.

XIX. Leġittimu Kontraditturi

… omissis …

Ghaldaqstant l-esponenti atturi appellanti għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk li jsiru waqt it-trattazzjoni tal-appell jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tat-23 ta' Ottubru, 2014, u filwaqt illi l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenuti għandhom jiġu miċħuda jitolbu li t-talbiet tal-atturi appellanti jiġu milqugħa skont il-liġi bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellati.

Notifika:
1. Yveto Company Limited, 146, Triq M. De Domenici, Santa Luċija
2. San Marciano Limited, Palazzo D'Aurell, Il-Gudja
3. Carmena Dei Conti Manduca, Ċentru tal-Anzjani Dar il-Mistrieħ, Il-Furjana
4. Raymond u Anna Dei Conti Manduca, 21, Triq il-Katidral, Tas-Sliema
5. Michael Manduca u Monica Manduca, 33, Triq it-Torri, Tas-Sliema
6. Joseph u Helen Leone Ganado, 48, Ayr House, Triq il-Creche, Tas-Sliema
7. Charles u Therese Calleja, 104, Triq San Bert, Il-Gżira

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 13 ta' Frar, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

XV111. Damages

The damages consist in the fact that besides that after the death of the father the plaintiff on the 10th November, 1967, the defendants continued to possess and asdminister the other half of the immovable property tied by the fideicommissum till this day, by their actions obstacled the plaintiff from the enjoyment of one half of the property tied by the fideicommissum and abusively disposed from some property tied by the fidecommisssum.

XIX. The Right Defendants

… omissis …

Thus the interpellant plaintiffs for these reasons and those made during the pleadings of the appeal pray this Honourable Court to revoke and annul the judgement of the Honourable First Court of the 23rd October, 2014, and whilst all the pleas brought by the defendants are to be rejected pray that the demands of the plaintiffs be upheld according to law with costs against the respondent defendants.

Service:
1. Yveto Company Limited, 146, Triq M. De Domenici Street, Santa Luċija
2. San Marciano Limited, Palazzo D' Aurell, Gudja
3. Carmena Dei Conti Manduca, Ċentru tal-Anzjani Dar il-Mistrieħ, Floriana
4. Raymond and Anna Dei Conti Manduca, 21, Triq il-Katidral, Tas- Sliema
5. Michael Manduca and Monica Manduca, 33, Triq it-Torri, Tas-Sliema
6. Joseph and Helen Leone Ganado, 48, Ayr House, Triq il-Creche, Tas-Sliema
7. Charles and Therese Calleja, 104, Triq San Bert, Gżira

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 13th February, 2020

Adv. Frank Portelli, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

213

Avviż mir-Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrenti Noel Spiteri bin-numru tal-karta tal-identità 32486M ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 14/20 AGV) fejn talab il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Jake Zahra 5889/19 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta'

Notice Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Noel Spiteri presented an application (Number 14/20 AGV) demanding corrections in the Act of Birth of Jake Zahra 5889/19 in the Public Registry.

Whoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts,

dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

